MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 299/2015

**Go plc**
**(ID. 22334)**

**Vs**

**Sant Fournier James**
**(ID. 15367(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ April, 2015 fejn is-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,053.97) in konnessjoni ma’ servizz ta’ telefonija 21370243 (AC40141961).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1680/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-8 ta’ Awwissu 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Il-konvenut ammetta t-talba ghal hlas dovut minnu.

Wara din l-ammisjoni kif ukoll wara li semgha it-talba tal-konvenut sabiex l-ammont ihallsu b’rati mensili, it-Tribunal jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ elf u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,053.97) u dan b’rata mensili ta’ mitt ewro (€100). Bl-ewwel pagament ikun dovut fis-26 ta’ Gunju, 2015. Kemm il-darba l-konvenut jonqos milli jhallas zewg pagamenti konsekuttivi allura jitlef d-dritt li jhallas l-ammont fix-xahar u l-bilanc ikun dovut fl-intier tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a kariga tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------